MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2004

Appell Kriminali Numru. 37/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Pio Pisani)**
**Vs**
**Omissis**
**Aaron Bugeja**

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fil-lejl ta' bejn il-31 t'Ottubru, 2003 u l-1 ta' Novembru, 2003, f'dawn il-Gzejjer bil-hsieb li jaghmel delitt ta' serq ta' kwantita' ta' hut mill-fish farm li hemm hdejn il-gzejjer ta' San Pawl ghad-dannu tas-socjeta' Fish Farms Co. Ltd., liema serq li kieku sehh kien ikun ikkwalifikat : 1) bil-valur li ma jeccedix l-elf lira Maltin; 2) bil-hin; 3) bix-xorta tal-haga misruqa wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-**

**esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidenti w indipendenti mill-volonta' tieghu.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-30 ta' Jannar, 2004, li biha wara li rat l-artikolu 261(b), 261(g), 261(f), 41, 1(a), 31, 17, 23, 267, 270, 271, 279, 280 u 20 tal-Kap. 9, u l-artikolu 22 tal-Kap. 446, u wara li l-imputat irregistra ammissjoni ma' l-ewwel oppontunita' li kellu, sabet lill-imputat hati izda lliberatu bil-kundizzjoni li ma jaghmel ebda reat iehor fi zmien tlett snin. Il-Qorti ordnat il-konfiska tad-dghajsa, il-karru w x-xibka w l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni JAD- 703 favur il-Gvern ta' Malta.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-11 ta' Frar, 2004, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi fil-waqt li tikkonfermaha in kwantu sabitu hati tal-akkuzi u tirrevokaha in kwantu ordnat il-konfiska tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni JAD- 703.

**Fliet l-atti kollha processwali ;**

**Semghet it-trattazzjoni fil-kors tal-udjenza tat-18 ta' Marzu, 2004, meta l-kawza giet differita ghas-sentenza ghal-lum, bil-fakolta' lid-difiza li taghmel nota sal-1 t' April, 2004 u lill-Prosekuzzjoni li taghmel nota sat-8 t' April, 2004 ;**

**Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-appellant tad-29 ta' Marzu, 2004;**

**Rat ir-rikors tal-appellant tad-29 ta' Marzu, 2004, fejn talab li jixhed is-Supratendent Pio Pisani biex jaghti dawl fuq l-investigazzjoni tal-Pulizija dwar jekk missier l-appellant u sid il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni JAD-703 kienx involut o meno fl-att kriminali ;**

**Rat id-Digriet Taghha tal-11 t' April, 2004, fejn , in vista tal-fatt li l-Avukat Generali ma opponiex ghal din**

**it-talba, laqghet it-talba biex jixhed is-Supratendent Pisani anki f' dan l-istadju inoltrat tal-process.**

**Rat li l-Avukat Generali baqa' ma ghamel ebda nota ta' sottomissjonijiet sal-lum;**

**Semghet ix-xhieda tal-istess Supratendent Pisani fis-seduta tal-lum ;**

**Regghet semghet mill-gdid it-trattazzjoni tal-partijiet ;**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;**

**Ikkonsidrat ;**

**Illi l-aggravju tal-appellant fil-qosor huwa s-segwenti u cioe' li l-Ewwel Qorti ghamlet interpretazzjoni hazina tal-ligi u senjatament ta' l-artikolu 23 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta u dana stante li l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni JAD-703 hija proprjeta' ta' missieru, kif del resto jirrizulta mid-dokument Dok. PP 10 esebit mill-istess prosekuzzjoni u dan missieru Emmanuel Bugeja , ma kienx involut fid-delitt li ta lok ghal dawn il-proceduri ;**

**Ikkonsidrat;**

**Illi l-artikolu 23 tal-Kodici Kriminali jiddisponi appropozitu illi :-**

"Il-konfiska tal-corpus delicti, ta' l-istrumenti li servew jew li kien mahsub li jservu sabiex isir id-delitt , u ta' kull ma jkun gie miksub bid-delitt , hija konsegwenza tal-piena stabilita mill-ligi ghad-delitt , ukoll jekk il-konfiska ma tkunx espressament imsemmija fil-ligi , barra minn meta persuna , li ma tkunx hadet sehem fid-delitt, ikollha jedd fuq dawk l-oggetti."

**Illi fl-appell Kriminali** "Il-Pulizija vs. Raymond Caruana**" [16.12.2003] din il-Qorti kienet irriteniet illi mid-dicitura ta' dan l-artikolu kien jidher car illi biex ma**

**ssehhx il-konfiska , il-Qorti trid tkun sodisfatta li (1) ikun hemm jedd ta' terza persuna fuq dawk l-oggetti soggetti ghall-konfiska u (2) li dik it-terza persuna trid ma tkunx hadet sehem fid-delitt .**

**Illi ghalkemm fl-ahhar paragrafu tas-sentenza appellata jinghid li *"minkejja l-fatt illi l-Avukat difensur u l-imputat Aaron Bugeja iddikjaraw illi din il-vettura hija registrata f'isem missier l-imputat Aaron Bugeja dan il-fatt ma giex ippruvat u ghalhekk il-Qorti ordnat il-konfiska ta' din il-vettura."*, dan mhux korrett bhala fatt ghaliex ghal kuntrarju gie pruvat mix-xhieda tas-Supratendent (allura spettur) Pio Pisani (fol. 12 tal-process) u mid-dokument PP 10 fuq imsemmi (fol. 23) li l-vettura JAD-703 hija registrata fuq isem Emmanuel Bugeja, li jigi missier l-appellant. Ghalhekk l-ewwel element biex issehh din l-eccezzjoni ghall-konfiska kien indubbjament jirrizulta lill-Ewwel Qorti .**

**Illi ghalkemm fil-kors tat-trattazzjoni orali quddiem l-Ewwel Qorti il-Prosekuzzjoni ssottomettiet li l-vettura in kwistjoni kienet gibdet il-karru u gibdet id-dghajsa , fil-fatt quddiem l-Ewwel Qorti qatt ma saret prova ta' dan il-fatt skond il-ligi, probabbilment stante l-ammissjoni registrata miz-zewg ko-imputati fis-seduta tat-13 ta' Novembru, 2003 , meta kellhom jibdew jinstemghu il-provi tal-prosekuzzjoni . L-unika prova li tikkoncerna l-vettura huma r-ritratti taghha fejn tidher imwahhla ma trailer ta' kulur blue (Dok. PP 5) u fl-istqarrija tal-appellant fejn f' parti minnhom jghid testwalment hekk :-**
**"…*nhar il-lejl tal-31 t' Ottubru, u l-ewwel ta' Novembru, 2003 jiena mort nistad ma Joseph Grech* (li kien ko-akkuzat mieghu) *u dan ghamiltu billi mort bil-karozza ta' missieri , liema karozza ggib in-numru JAD 703 tal-marka "Ford Fiesta" , fejn Joseph gab il-karru u fuqu kien hemm id-dghajsa*."**

Jirrizulta li s-sajd li wassal ghall-akkuza ammessa mill-appellant kien umbaghad sar bid-dghajsa li kienet tappartjeni lill-ko-akkuzat Grech , kif kien ukoll jappartjeni

lil ko-akkuzat Grech it-trailer li fir-ritratti jidher imqabbad mat-tow bar tal-karozza in kwistjoni.

Minn dan  jirrizulta li l-vettura in kwistjoni ma ntuzatx b'mod dirett fit-tentattiv ta' serq per se imma biss biex ittrasportat id-dghajsa fuq l-art ghaliex umbaghad it-tentattiv sar minn fuq id-dghajsa u fil-bahar.

**Illi fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu l-appellant jissottometti li hawn mhux il-kaz li Emmanuel Bugeja, l-proprjetarju tal-vettura, missier l-appellant , ghandu jgib il-prova li hu ma kienx ha sehem fid-delitt . Meta l-Pulizija ressqet lill-appellant u lill-persuna l-ohra ko-akkuzata mieghu il-Qorti w akkuzathom,  Emmanuel Bugeja ma tressaqx akkuzat maghhom. Di fatti tant il-Pulizija ma kellhiex suspett f' Emmanuel Bugeja , illi huma qatt ma baghtu ghalih biex ikellmuh dwar l-involviment tieghu f' dan il-kaz  u dan ghax ovvjament Emmanuel Bugeja ma kienx involut .**

**Illi din is-sottomissjoni giet konfermata fis-seduta tal-lum bix-xhieda tas-Supratendent Pio Pisani l-ddikjara li ma jirrizultax li Emmanuel Bugeja kien involut fid-delitt u dana minkejja li l-Prosekuzzjoni ghamlet talba ghall-konfiska tal-istess vettura fl-akkuza .**

**Illi ghalhekk din il-Qorti hija sodisfatta li l-vettura in kwistjoni, apparti li ma ntuzatx direttament fil-kommissjoni tad-delitt , jirrizulta li tappartjeni lil terza persuna li b' ebda mod ma kien involut fid-delitt u konsegwentement jikkonkorru z-zewg elementi rikjesti mill-ligi biex ma jsehhx il-konfiska .**

**Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell u tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu sabet lill-appellant (u ghal kull buon fini lill-ko-akkuzat l-iehor Giuseppe Grech) hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghhom u fejn illiberat lill-appellant bil-kondizzjoni li ma jaghmel l-ebda reat iehor fi zmien tlitt snin ( u ghal kull buon fini fejn ghamlet ordni ta' probation li per mezz tieghu qeghdet lil ko-akkuzat l-iehor Giuseppe Grech taht is-**

**sorveljanza ta' ufficjal tal-probation ghall-periodu ta' tlitt snin) , kif ukoll fejn ordnat il-konfiska tad-dghajsa , l-karru w x-xibka favur il-Gvern ta' Malta w tirrevokha biss in kwantu kienet ordnat ukoll il-konfiska tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni JAD 703 favur il-Gvern ta' Malta.**

**It-termini tal-liberazzjoni tal-appellant taht kondizzjoni ghal zmien tlitt snin ghandu jibda jiddekorri mill-lum .**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------